Nru. 18,266
Prezz/Price
€2.98 (Lm1.28)

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 17 ta' Ġunju, 2008
Tuesday, 17th June, 2008

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 530

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nri. 18,262 u 18,264 tal-10 u t-13 ta' Ġunju, 2008 rispettivament.

A.L. Nru. 145 ta' l-2008: Att ta' l-2006 dwar l-Intermedjarji fl-Assigurazzjoni (Att Nru. XII ta' l-2006); Avviż ta' bidu fis-seħħ.

A.L. Nru. 146 ta' l-2008: Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel (Kap. 449); Regolamenti ta' l-2008 dwar il-Kontroll tat-Temperatura fis-Sigurtà ta' l-Ikel.

Is-17 ta' Ġunju, 2008

GOVERNMENT NOTICES

No. 530

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette Nos. 18,262 and 18,264 of the 10th and the 13th June, 2008 respectively.

L.N. No. 145 of 2008: Insurance Intermediaries Act, 2006 (Act No. XII of 2006); Notice of coming into force.

L.N. No. 146 of 2008: Food Safety Act (Cap. 449); Food Safety (Temperature Control) Regulations, 2008.

17th June, 2008

Nru. 531

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (KUMMERĊ)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Mr Saviour Farrugia	Direttur Ġenerali *Director General*	Kummerċ *Commerce*	16-21.6.2008

Is-17 ta' Ġunju, 2008

No. 531

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (COMMERCE)

THE Permanent Secretary in the Ministry of Finance, the Economy and Investment has approved the following acting appointment:–

17th June, 2008

Nru. 532

MALTA INDUSTRIAL PARKS LTD

IL-MINISTRU tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment ħatar il-Bord tal-Malta Industrial Parks Ltd kif ġej:

Chairman
Is-Sur Alan Camilleri

Viċi Chairman
Is-Sur Chris Paris

Membri
Is-Sur Chris Falzon
Is-Sur Mario Mifsud
Ms Elaine Bonello

Din in-Notifikazzjoni tibqa' fis-seħħ sat-12 ta' Mejju, 2009.

It-17 ta' Ġunju, 2008

No. 532

MALTA INDUSTRIAL PARKS LTD

THE Minister of Finance, the Economy and Investment has approved the Board of the Malta Industrial Parks Ltd as follows:

Chairman
Mr Alan Camilleri

Deputy Chairman
Mr Chris Paris

Members
Mr Chris Falzon
Mr Mario Mifsud
Ms Elaine Bonello

This Notice remains valid up to the 12th May, 2009.

17th June, 2008

Nru. 533

MALTA ENTERPRISE BOARD

IL-MINISTRU tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment ħatar il-Malta Enterprise Board sat-12 ta' Mejju, 2010 kif ġej:

Chairman
Is-Sur Alan Camilleri

Viċi Chairman
Is-Sur John Scerri

Direttur
Ms Graziella Pullicino

Membri
Is-Sur Vincent Farrugia
Is-Sur John Magro
Ms Antoinette Borg
Is-Sur Jesmond Bonello
Is-Sur Tancred Tabone
Ms Helga Ellul

Is-17 ta' Ġunju, 2008

No. 533

MALTA ENTERPRISE BOARD

THE Minister of Finance, the Economy and Investment has approved the Malta enterprise Board as follows up to the 12th May, 2010:

Chairman
Mr Alan Camilleri

Deputy Chairman
Mr John Scerri

Director
Ms Graziella Pullicino

Members
Mr Vincent Farrugia
Mr John Magro
Ms Antoinette Borg
Mr Jesmond Bonello
Mr Tancred Tabone
Ms Helga Ellul

17th June, 2008

Nru. 534

ATT DWAR IL-*BILLS* TAT-TEŻOR TA' MALTA (KAP. 133)

Ħruġ ta' Kalendarju

Dan il-kalendarju juri t-tul ta' żmien għal kull *bill* tat-Teżor li ser jinħareg kull ġimgħa għax-xahar ta' Lulju 2008 u li huwa ppubblikat mill-*Accountant General* skond u għall-finijiet ta' regolament 5 tar-Regolamenti ta' l-2007 dwar id-Demarterjalizzazzjoni tal-bills tat-Tezor ta' Malta ta' l-Avviz Legali Nru. 59 ta' l-2007:

No. 534

MALTA TREASURY BILLS ACT (CAP. 133)

Notice of Issuance Calendar

The following calendar shows the tenor of individual weekly issues of Treasury bills for the month of July 2008 and is published by the Accountant General in terms of regulation 5 of the Malta Treasury Bills (Dematerialisation) Regulations, 2007 of Legal Notice No. 59 of 2007:

MONDAY	TUESDAY	WEDNESDAY	THURSDAY	FRIDAY
30	**01 TB** Tender Date	**02**	**03**	**04 TB** Issue of 91 days maturing 3 October 2008
07	**08 TB** Tender Date	**09**	**10**	**11 TB** Issue of 182 days maturing 9 January 2009
14	**15 TB** Tender Date	**16**	**17**	**18 TB** Issue of 91 days maturing 17 October 2008
21	22 **TB** Tender Date	**23**	**24**	**25 TB** Issue of 91 days maturing 24 October 2008

Notes:- *Note: TB = Treasury Bills*

1. Treasury Bills Auctions are held every Tuesday and successful bids are settled the following Friday.

2. When either of these days falls on a Public Holiday the auction takes place on the first working day immediately before.

3. Interest is always calculated on the actual number of days involved.

4. Bids on Tender forms, which are available from the Treasury, are to reach the Treasury by 10.00 a.m. on the tender date. Such bids may either be made directly to the Treasury or transmitted by fax on 25967210 or by e-mail.

5. Only offers with a definite yield shall be considered.

6. 28 day tenor minimum amount is €250,000, other tenor €50,000. Above this minimum must be in multiples of €1,000.

7. With regard to the tenor, the following days will apply:

1 month = 28 days	9 months = 273 days
3 months = 91 days	12 months = 364 days
6 months = 182 days	

8. The tenderer shall accept any portion of the sum for which he has tendered at the same yield as that for the whole amount he has tendered for.

9. The persons whose tenders are accepted will be informed accordingly on the following day.

10. Settlement of amount allotted is to be made by not later than 10.00 a.m. on the date on which the relative Bills are dated. Payments may be effected either by cheque, made payable to the Accountant General or by bank transfer to the credit of the Public Account, Account number 40001 EUR-CMG5-001-H, with the Central Bank of Malta. The value date is to be the issue date of the Treasury Bill.

11. The Accountant General reserves the right of not accepting any tender. For further information please refer to the Malta Treasury Bills General Prospectus at www.treasury.gov.mt

17th June, 2008

Nru. 535

L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENTU L-IPPJANAR

Eżenzjoni minn Studju ta' l-Impatt Ambjentali Limitat

SKOND id-dispożizzjonijiet tar-Regolament 3(8) tar-Regolamenti ta' l-2007 dwar l-Istima ta' l-Impatt fuq l-Ambjent (Avviż Legali Nru. 114 ta' 2007) rigward l-applikazzjoni msemmija hawn taħt, u minħabba li l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar jidhrilha li mhux probabbli li l-proposta tħalli impatti sinifikanti fuq l-ambjent, id-Direttur għall-Ħarsien ta' l-Ambjent jaqbel li jeżenta l-applikant milli jħejji Studju dwar l-Impatt Ambjentali limitat (EPS).

Id-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) ippreżentata bħala parti mill-applikazzjoni qieset biżżejjed il-kwistjonijiet li jolqtu l-ambjent u għaldqastant it-tħejjija ta' studju dwar l-impatt ambjentali limitat mhux ser iżid informazzjoni ġdida peress li l-Awtorità għandha l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tiddeċiedi din l-applikazzjoni. Mill-informazzjoni li ġiet ippreżentata, id-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) u l-i*screening* li sar skond Skeda IB ta' l-istess Regolamenti, jirriżulta li mhux probabbli li l-proposta tħalli impatti sinifikanti fuq l-ambjent.

Ġustifikazzjoni dettaljata tinstab hawn taħt:

Applikazzjoni Nru. PA 2366/07
Post: Sit fi Triq iż-Żurrieq, Bonu ż-Żgħir, limiti ta' Ħal Kirkop

Proposta: Biex jiġi ssanat il-bini ta' ċint li se jkun qed idawwar is-sit, il-parkeġġjar ta' vetturi u materjal użat fl-attivitajiet ta' kuntrattur ta' l-iskavar, u l-proposta għal użu ta' parti mis-sit għar-riċiklar ta' skart inert. Is-sit hija barriera antika, b'parti minnha mimlija.

L-impatti potenzjali fuq l-ambjent flimkien ma' numru ta' miżuri biex jittaffa l-impatt ġew identifikati fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) sottomess lill-Awtorità fl-4 ta' Marzu, 2008 u l-korrispondenza mibgħuta mill-perit fit-22 ta'April, 2008.

No. 535

MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY

Exemption of Environmental Planning Statement

IN conformity with Regulation 3 (8) of the Environmental Impact Assessment Regulations (Legal Notice No. 114 of 2007) in respect of the application mentioned hereunder, and in view of the fact that MEPA has determined that the proposal is unlikely to have significant environmental impacts the Director of Environment Protection agrees to exempt the applicant from preparing an Environmental Planning Statement (EPS).

The Project Description Statement (PDS) presented as part of the application has considered the environmental issues in a sufficient manner such that the preparation of an EPS would not add any new information and MEPA has all the necessary information to determine the application. From the information presented in the PDS and screening according to Schedule IB of the same Regulations, the proposal is not likely to have significant environmental effects.

A detailed justification is presented below:

Application Number: PA 2366/07
Location: Site at Triq iż-Żurrieq, Bonu ż-Żgħir, l/o Kirkop

Proposal: To sanction the construction of a perimeter fence, a wall to enclose an area and the parking of vehicles and material used in connection with the activity of an excavation contractor and proposed use of part of this site to recycle inert waste material. Site is an old quarry partly infilled.

The following potential environmental impacts were identified and mitigation measures proposed in the Project Description Statement (PDS) submitted to MEPA on the 4th March, 2008 and correspondence from architect dated 22nd April 2008.

Impatti potenzjali *Potential Impact*	**Rimarki** *Remarks*
Trabijiet	It-trabijiet iġġenerati mill-magna tat-tħin waqt l-operat, ġew identifikati bħala impatt potenzjali. Minkejja dan, meta wieħed jikkunsidra il-fatt li s-sit tinsab f'barriera antika li kienet topera, u l-fatt li l-magna tat-tħin se tkun qed titħaddem biss sa massimu ta' darbtejn fil-ġimgħa, it-trabijiet iġġenerati minn din l-attività mhux se jkunu sinifikanti.
Dust	*Dust as generated by the crusher during operation was identified as a potential impact.* *Nonetheless, considering the fact that the site is committed to quarrying activities, lies within*

a former quarry, and the fact that the machine will operate only on a two days per week basis, the dust generated by the crusher will not be significant.

Ħoss

Il-ħoss iġġenerat mill-magna tat-tħin waqt l-operat, ġie identifikat bħala impatt potenzjali.

Minkejja dan, meta wieħed jikkunsidra l-fatt li s-sit jinsab f'barriera antika li kienet topera, u l-fatt li l-magna tat-tħin se tkun qed titħaddem biss sa massimu ta' darbtejn fil-ġimgħa, il-ħoss iġġenerat minn din l-attività mhux se jkun sinifikanti.

Noise

Noise as generated by the crusher during operation was identified as a potential impact.

Nonetheless, considering the fact that the site is committed to quarrying activities, lies within a former quarry, and the fact that the machine will operate only on a two days per week basis, the noise generated by the crusher will not be significant.

Riskju ta' tniġġis tal-Art u tal-Ilma tal-Pjan

Il-possibbiltà ta' tniġġis tal-art u tal-ilma tal-pjan minħabba tixrid ta' żjut minn makkinarji u vetturi pparkeġġjati fuq is-sit, ġiet identifikata bħala impatt potenzjali.

Għaldaqstant, is-sit saritlu art tal-konkos u *catchment tanks* (li se jservu bħala ġibjuni, wara li jiġi sseparat iż-żejt minn mal-ilma permezz ta' *oil separator collectors),* sabiex jikkontrollaw il-passaġġ tal-ilma u biex jinżamm fis-sit xi żejt li jkun inxtered. B'hekk it-tixrid ta' żjut se jkun ħafna iktar maniġġabbli u l-impatt fuq l-art u l-ilma tal-pjan mhux se jkun sinifikanti.

Risk of Contamination of Land and Groundwater

Contamination of land and groundwater due to possible oil spills from machines and vehicles parked on site, was identified as a potential impact.

In this respect, the proposed site has concrete flooring and catchment tanks (to be used as reservoirs with the help of oil separator collectors) which will control the flow of water and also contain any oil spillage within the site, making it easier to manage such spills.

Thus impacts on land and groundwater will not be significant.

Impatt fuq l-Arkeoloġija

Is-sit jinsab inqas minn mitejn metru 'l bogħod minn qabar antik ta' valur arkeoloġiku. Il-livell ta' protezzjoni ta' dan il-qabar huwa ta' Grad E.

Meta wieħed jikkunsidra l-attivitajiet ta' skavar li kienu jsiru fil-passat fuq is-sit, u l-fatt li l-fdal arkeoloġiku jinsab viċin barrieri oħrajn, l-iżvilupp propost (li jinvolvi l-ħażna u riċiklaġġ ta' materjal, kif ukoll ipparkeġġjar ta' vetturi) mhux se jkollu impatti sinifikanti fuq il-qabar antik.

Impact on Archaeology

The proposed site is less than 200m away from an ancient tomb of archaeological value. The archaeological remain is graded as Degree of Protection E.

Considering the quarrying activities carried out on site in the past, and the fact that the archaeological remain is in close proximity to other quarries, the proposed development (being storage and recycling of material and parking of vehicles) will not exert significant impacts on the ancient tomb.

Minkejja dan imsemmi hawn fuq, l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar iżżomm id-dritt li titlob lill-applikant li jissottometti informazzjoni addizzjonali kif jista' jkun meħtieġ biex tiddeċiedi l-applikazzjoni.

Notwithstanding the above, the Malta Environmental and Planning Authority reserves the right to request the applicant to submit additional information as may be necessary to determine the application.

Is-17 ta' Ġunju, 2008

17th June, 2008

Nru. 536

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet ta' l-artikolu 14 ta' l-imsemmi Att kif ġej:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
17. 06. 08	€18.291 (Lm7.85,2)	€0.365 (Lm0.15,7)

Is-17 ta' Ġunju, 2008

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 55

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u parkeġġ ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Ħal Kirkop

Nhar il-Ħadd, is-6 ta' Lulju 2008 mid-9.30 a.m. sas-1.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: il-Parroċċa, San Leonardu, il-Kbira, Valletta, San Pietru, Salvu Sacco, San Rokku u Pjazza Ħal Kirkop.

Nhar l-Erbgħa, id-9 ta' Lulju 2008 mis-7.30 p.m. sal-11.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: il-Parroċċa, San Leonardu, il-Kbira, Valletta, Danny Cremona, Ġużé Cristoforo, San Pietru, Nardu Ellul, Tal-Iblieq, Karlu Darmanin, San Remiġ, tal-Fieres, San Ġużepp, San Benedittu u Pjazza Ħal Kirkop.

Nhar il-Ħamis, l-10 ta' Lulju 2008 mis-7.30 p.m. sal-11.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: il-Parroċċa, Pjazza San Leonardu, Pjazza Ħal Kirkop, San Rokku, San Nikola, il-Lewżiet, l-Infanterija, l-Artillerija, l-Aħfar, id-29 ta' Mejju 1592, id-9 ta' April 1942, G. Cassar, il-Militar, taż-Żebbieġ, San Benedittu u Pjazza Ħal Kirkop.

Nhar il-Ġimgħa, il-11 ta' Lulju 2008 mis-7.30 p.m. sa nofsillejl mit-toroq li ġejjin: il-Parroċċa, San Leonardu, San Benedittu, San Ġużepp, tal-Fieres, Karlu Darmanin, San Pietru, San Rokku, il-Kbira, Mons. Barbara u Pjazza Ħal Kirkop.

Nhar is-Sibt, it-12 ta' Lulju 2008 mis-7.30 p.m. sal-11.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: il-Parroċċa, Pjazza San Leonardu, il-Kbira, Valletta, San Pietru, San Ġużepp, San Benedittu, Pjazza Ħal Kirkop u San Rokku.

No. 536

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT

(CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Raevenue notifies that on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
17. 06. 08	€18.291 (Lm7.85,2)	€0.365 (Lm0.15,7)

17th June, 2008

POLICE NOTICE

No. 55

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended on the dates and times indicated.

Kirkop

On Sunday, 6th July 2008 from 9.30 a.m. to 1.30 p.m. through the following streets: il-Parroċċa, San Leonardu, il-Kbira, Valletta, San Pietru, Salvu Sacco, San Rokku and Pjazza Ħal Kirkop.

On Wednesday, 9th July 2008 from 7.30 p.m. to 11.30 p.m. through the following streets: il-Parroċċa, San Leonardu, il-Kbira, Valletta, Danny Cremona, Ġużé Cristoforo, San Pietru, Nardu Ellul, Tal-Iblieq, Karlu Darmanin, San Remiġ, tal-Fieres, San Ġużepp, San Benedittu and Pjazza Ħal Kirkop.

On Thursday, 10th July 2008 from 7.30 p.m. to 11.30 p.m. through the following streets: il-Parroċċa, Pjazza San Leonardu, Pjazza Ħal Kirkop, San Rokku, San Nikola, il-Lewżiet, l-Infanterija, l-Artillerija, l-Aħfar, id-29 ta' Mejju 1592, id-9 ta' April 1942, G. Cassar, il-Militar, taż-Żebbieġ, San Benedittu and Pjazza Ħal Kirkop.

On Friday, 11th July 2008 from 7.30 p.m. to midnight through the following streets: il-Parroċċa, San Leonardu, San Benedittu, San Ġużepp, tal-Fieres, Karlu Darmanin, San Pietru, San Rokku, il-Kbira, Mons. Barbara and Pjazza Ħal Kirkop.

On Saturday, 12th July 2008 from 7.30 p.m. to 11.30 p.m. through the following streets: il-Parroċċa, Pjazza San Leonardu, il-Kbira, Valletta, San Pietru, San Ġużepp, San Benedittu, Pjazza Ħal Kirkop and San Rokku.

Nhar il-Ħadd, it-13 ta' Lulju 2008 minn-nofsinhar sa nofsillejl mit-toroq li ġejjin: San Rokku, San Benedittu, San Ġużepp, San Pietru, Valletta, San Nikola, Nejder, il-Kbira, Pjazza San Leonardu, Pjazza Ħal Kirkop u San Nikola.

It-toroq li ġejjin se jkunu magħluqa għat-traffiku minn nhar it-Tnejn, it-30 ta' Ġunju 2008 u nhar il-Ħamis, is-17 ta' Lulju 2008: San Ġużepp, il-Kbira, Pjazza San Leonardu, il-Parroċċa u parti minn San Benedittu.

Vetturi misjuba pparkjati fit-toroq imsemmija hawn fuq jiġu rmunkati.

Is-17 ta' Ġunju, 2008

On Sunday, 13th July 2008 from noon to midnight through the following streets: San Rokku, San Benedittu, San Ġużepp, San Pietru, Valletta, San Nikola, Nejder, il-Kbira, Pjazza San Leonardu, Pjazza Ħal Kirkop and San Nikola.

The following streets will be closed for traffic from Monday, 30th June 2008 and Thursday, 17th July 2008: San Ġużepp, il-Kbira, Pjazza San Leonardu, il-Parroċċa and part of San Benedittu.

The parking of vehicles along the above mentioned streets will be towed.

17th June, 2008

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 56

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li bis-setgħat mogħtija bl-Avviż Legali 101/97, it-toroq imsemmija hawn taħt se jkunu meqjusa bħala Żoni ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u parkeġġ ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Raħal Ġdid

Nhar il-Ħadd, is-6 ta' Lulju 2008 bejn il-5.00 p.m. u l-11.00 p.m. fi Pjazza De Paule.

Burmarrad

Nhar il-Ġimgħa, is-27 ta' Ġunju 2008 bejn l-4.00 p.m. u l-11.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: il-Wardija, Burmarrad, San Pawl Milqi u Triq Ġdida fi Triq Magħsar.

Nhar is-Sibt, it-28 ta' Ġunju 2008 bejn is-6.00 p.m. u nofsillejl mit-toroq li ġejjin: id-Dwieli, l-Insolja, Manwel Bonnici, San Pawl Milqi u Burmarrad.

Nhar il-Ħadd, id-29 ta' Ġunju 2008 bejn l-4.00 p.m. u nofsillejl mit-toroq li ġejjin: Burmarrad, Wied Sardin, San Pawl Milqi u Triq Ġdida fi Triq Magħsar.

Is-17 ta' Ġunju, 2008

POLICE NOTICE

No. 56

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated on the dates and times hereunder.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Paola

On Sunday, 6th July 2008 between 5.00 p.m. and 11.00 p.m. through De Paule Square.

Burmarrad

On Friday, 27th June 2008 between 4.00 p.m. and 11.00 p.m. through the following streets: il-Wardija, Burmarrad, San Pawl Milqi and Triq Ġdida in Triq Magħsar.

On Saturday, 28th June 2008 between 6.00 p.m. and midnight through the following streets: id-Dwieli, l-Insolja, Manwel Bonnici, San Pawl Milqi and Burmarrad.

On Sunday, 29th June 2008 between 4.00 p.m. and midnight through the following streets: Burmarrad, Wied Sardin, San Pawl Milqi and Triq Ġdida in Triq Magħsar.

17th June, 2008

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 39 ta' l-2008

Wirja ta' Logħob tan-Nar minn Barkun irmiġġat bejn il-Ponta ta' Sant' Anġlu u l-Ponta ta' Bighi – il-Port il-Kbir

Se ssir wirja ta' logħob tan-nar li se jinħaraq minn fuq barkun irmiġġat bejn il-ponta ta' Sant' Anġlu u l-Ponta ta' Bighi skond iċ-*chart* li hemm fuq il-*website* ta' l-Awtorità Marittima:

http://www.mma.gov.mt/notices_mariners.asp

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 39 of 2008

Fireworks Display from a Barge moored between St Angelo Point and Bighi Point - Grand Harbour

Firework displays will be held on Thursday, 19th June 2008 from a barge moored between St Angelo Point and Bighi Point and as per chart which can be viewed on the Authority's website:

http://www.mma.gov.mt/notices_mariners.asp

Il-logħob tan-nar se jinħaraq minn fuq barkun irmiġġat f'dil-pożizzjoni:

Latitude (T)	*Longitude (L)*
35°53'.536	14°31'.261

Il-ħinijiet tal-logħob se jkunu bejn l-10.00 p.m. u l-11.00 p.m. Il-port se jingħalaq għat-tbaħħir waqt il-wirja.

It-tbaħħir fil-Port il-Kbir għandu jkun b'attenzjoni u bil-mod barra mill-ħinijiet stipulati. Il-baħħara huma mwissija biex jobdu l-ordnijiet li joħorġu mill-Valletta Port Control. Il-Valletta Port Control jista' joħroġ aktar tagħrif kif meħtieġ.

Il-pożizzjonijiet jirreferu għal WGS 84 Datum

Irreferi għall-parti minn BA Chart 177 imsemmija.

Is-17 ta' Ġunju, 2008

The fireworks will be let off from a barge moored in the following position:

Latitude (N)	*Longitude (E)*
35°53'.536	14°31'.261

The timings of the fireworks will be between 10.00 p.m. and 11.00 p.m. The port will be closed for navigation during the actual display.

Navigation within the Grand Harbour is to proceed with the caution and slow speed outside the stipulated timing. Mariners are warned to obey any instructions given by Valletta Port Control. Valletta Port Control may issue further information if required.

Positions are referred to WGS 84 Datum

Refer to part of BA Chart 177 mentioned above.

17th June, 2008

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' *Basic Specialist Trainee* fid-Dipartiment tal-*Public Health* fid-Diviżjoni tas-Saħħa fil-Ministeru tal-Politika Soċjali

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet mingħand *Medical Practitioners* bi kwalifiki adatti għall-postijiet ta' *Basic Specialist Trainee* fid-Dipartiment tal-*Public Health* fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

2. Il-post ta' *Basic Specialist Trainee* għandu salarju ta' €16,050 (Lm6,890.27) fis-sena li jiżdied b'€486.83 (Lm209) fis-sena sa massimu ta' €18,971 (Lm8,144.25) (Skala ta' Salarju Nru. 8).

3.1. Il-ħatra ta' *Basic Specialist Trainee* tkun fuq bażi ta' kuntratt definit ta' erba' snin, bi prova għal sena, u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u fid-Diviżjoni tas-Saħħa u persuna tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

3.2. Il-persuna maħtura tidħol fi programm strutturat ta' taħriġ fil-*Public Health Medicine*, kif approvat mill-i*Specialist Accreditation Committee,* skond il-*Health Care Professions Act*. Dan it-taħriġ ikun taħt id-direzzjoni tal-koordinatur rispettiv tat-taħriġ u l-kumitat dipartimentali tat-taħriġ. Ikun hemm assessjar kontinwu u x-xogħol magħmul ikun mistħarreġ fl-aħħar ta' kull sena. It-taħriġ jitkompla skond jekk ikunx hemm rapporti sodisfaċenti mill-koordinatur tat-taħriġ u mill-kumitat dipartimentali tat-taħriġ. Waqt il-kuntratt, il-persuna fil-grad ta' *Basic Specialist trainee* trid tkun f'qagħda li toqgħod għall-eżami jew kwalifika oħra komparabbli xierqa kif imniżżel fil-programm approvat ta' taħriġ.

3.3. Sigħat ta' xogħol il-fuq minn erbgħin (40) siegħa fil-ġimgħa u x-xogħol fil-Ħdud u Btajjel Pubbliċi jitħallsu b'remunerazzjoni addizzjonali skond ir-rati approvati. Erba'

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Posts of Basic Specialist Trainee in the Department of Public Health in the Health Division in the Ministry for Social Policy

The Public Service Commission invites applications from suitably qualified Medical Practitioners for the posts of Basic Specialist Trainee in the Department of Public Health in the Health Division.

2. The post of Basic Specialist Trainee carries a salary of €16,050 (Lm6,890.27) per annum rising by annual increments of €486.83 (Lm209) up to a maximum of €18,971 (Lm8,144.25) (Salary Scale No. 8).

3.1. The appointment of a Basic Specialist Trainee shall be on the basis of a four year contract, subject to a probationary period of one year, and subject to any rules governing from time to time the Malta Public Service and the Health Division and it involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

3.2. The appointee will enter into a structured training programme in Public Health Medicine, as approved by the Specialist Accreditation Committee, according to the Health Care Professions Act. This training shall be under the direction of the respective co-ordinator of training and departmental training committee. There shall be continuous assessment and a yearly review of performance. Continued training will depend on satisfactory reports by the co-ordinator of training and the departmental training committee. During his/her contract the Basic Specialist Trainee should be in a position to sit for any examination, or other appropriate comparable qualification as prescribed in the approved training programme.

3.3. Additional remuneration will be paid at the approved rates for hours worked in excess of forty (40) per week and for work performed on Sundays and Public Holidays. Four

sigħat ta' *protected time* bil-ħlas ikun allokat għal taħriġ ta' wara l-gradwazzjoni.

3.4. Il-persuna nominata tkun intitolata għall-benefiċċji l-oħra u tkun soġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li huma mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti li japplika bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

4. Il-persuna nominata li waqt il-perjodu tal-kuntratt tikseb xi kwalifika approvata ta' wara l-gradwazzjoni fl-ispeċjalità tinħatar *Basic Specialist Trainee* 2 fuq bażi permanenti u taqla' salarju ta' €17,110 (Lm7,345.32) x €531 (Lm227.96) - €20,296 (Lm8,713.07) fis-sena (Skala ta' Salarju Nru. 7). Id-data tal-ħatra fil-grad ta' *Basic Specialist Trainee* 2 tkun id-data tal-pubblikazzjoni tar-riżultat tal-kwalifika approvata ta' wara l-gradwazzjoni.

5. Kandidati li ma jiksbux il-kwalifika approvata ta' wara l-gradwazzjoni fl-ispeċjalità jew is-*Certificate of Completion of Basic Specialist Training* kif ċertifikat mill-i*Specialist Accreditation Committee* waqt il-perjodu tal-kuntratt iżommu l-grad sustantiv tagħhom fi skala ta' Salarju Nru. 8, iżda jistgħu jintbagħtu jaħdmu x'imkien ieħor mid-Diviżjoni tas-Saħħa bħala *medical officers in staff grade*.

6. Il-persuna nominata titħalla teżerċita l-professjoni tagħha privatament kemm-il darba:

a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol tagħha; u

b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali tagħha jew l-esiġenzi tas-servizz.

7.1. Il-post ta' *Basic Specialist Trainee* huwa adattat għal dawk il-kandidati li jixtiequ jaqbdu karriera fil-*Public Health*.

7.2. Persuna fil-grad ta' *Basic Specialist Trainee* (*Public Health Medicine)* tkun meħtieġa li taħdem mingħajr superviżjoni fil-qasam tax-xogħol tagħha. Tkun trid tikkonsulta ruħha mal-Konsulent (*Public Health Medicine*) fuq ħwejjeġ ta' *policy* u fuq il-proċeduri stabbiliti li għandhom jittieħdu.

7.3. Id-dmirijiet ta' persuna fil-grad ta' *Basic Specialist Trainee (Public Health Medicine)* jinkludu:

(a) xogħol għall-prevenzjoni u kontroll tal-*Communicable and Priority Non-Communicable Diseases*, inkluż mard notifikat li jittieħed u investigazzjoni ta' skoppjar ta' mard;

(b) stħarriġ kontinwu (taħt superviżjoni) ta' studji u riċerki epidemjoloġiċi;

hours per week paid protected time will be allocated for postgraduate training purposes.

3.4. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

4. The appointee who obtains an approved postgraduate qualification in the speciality during the contract period will, subject to satisfactory performance, be appointed Basic Specialist Trainee 2 on a permanent basis and shall be placed on a salary of €17,110 (Lm7,345.32 x €531 (Lm227.96) - €20,296 (Lm8,713.07) per annum (Salary Scale No. 7). The date of appointment to the grade of Basic Specialist Trainee 2 shall be the date of publication of the result of the approved postgraduate qualification.

5. Candidates who fail to obtain the approved postgraduate qualification in the speciality or the Certificate of Completion of Basic Specialist Training as certified by the Specialist Accreditation Committee during the contract period will retain their substantive grade at salary scale no. 8, however they may be redeployed by the Health division as "Medical officers in staff grade"

6. The appointee will be allowed to undertake private practice of his/her profession provided that :

(a) it is carried out strictly outside his/her official hours of work; and

(b) it does not interfere or conflict with his/her official duties or with the exigencies of the service.

7.1. The post of Basic Specialist Trainee is suitable for candidates wishing to pursue a career in Public Health.

7.2. A Basic Specialist Trainee (Public Health Medicine) will be required to operate without supervision in the field. He/She would have to consult with the Consultant (Public Health Medicine) on matters of policy and on established procedures to be followed.

7.3. The duties of a Basic Specialist Trainee (Public Health Medicine) include:

(a) field work to prevent and control Communicable and priority Non Communicable Diseases, including notified infectious disease and outbreaks investigation;

(b) investigation and follow-up (under supervision) of Epidemiological studies and research;

(ċ) stħarriġ kontinwu ta' xi *Acute Episodes of Disease*;

(d) tħejjija ta' rapporti u rakkomandazzjonijiet biex tgħin lill-*policy makers* jieħdu deċiżjonijiet dwar ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu mas-Saħħa Pubblika;

(e) għajnuna lis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika fl-istħarriġ ta' rapporti dwar ksur tal-liġijiet u regolamenti li għandhom x'jaqsmu mas-Saħħa Pubblika;

(f) ħolqien, ipproċessar u tqassim ta' informazzjoni eżatta, f'waqtha u relevanti li tgħin fl-għoti tal-kura tas-saħħa u fit-tmexxija tas-servizzi tas-saħħa tal-Gvern;

(g) interpretazzjoni b'mod ta' statistika ta' *data* epidemjoloġika;

(h) kumpilazzjoni ta' rapporti fuq l-istat ta' saħħa tal-popolazzjoni u fuq l-istruttura, proċessi u l-eżitu tas-servizzi tas-saħħa fil-Gżejjer Maltin, bl-użu ta' tagħrif disponibbli;

(i) għajnuna fit-tfassil u tmexxija ta' sondaġġi fuq is-saħħa;

(j) sorveljanza ta' *staff* iżgħar minnha fis-sezzjoni.

(k) użu mis-sistemi tat-Teknoloġija ta' l-Informatika li jkunu qed jintużaw fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

7.4. Il-persuna nominata tista' tkun meħtieġa taħdem fid-dipartimenti diversi fi ħdan id-Diviżjoni tas-Saħħa.

7.5. Il-persuna nominata tingħata l-għajnuna kollha biex tkompli fil-karriera tagħha skond l-esiġenzi tas-servizz. Hi tkun mistennija li tieħu parti fl-attivitajiet akkademiċi tad-Dipartiment tal-*Public Health*.

7.6. Il-persuna nominata tkun trid tagħmel użu mis-sistemi tat-Teknoloġija ta' l-Informatika li jkunu qed jintużaw fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

8. Sal-ħin u d-data ta' l-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom:

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni

(c) investigation and follow-up of any Acute Episodes of Disease;

(d) preparation of reports and recommendations to assist policy makers take decisions on Public Health matters;

(e) assistance to the Superintendent of Public Health in the investigation of reports of breaches of the relevant national Public Health Laws and Regulations;

(f) creation, processing and dissemination of accurate, timely and relevant information that supports the delivery of health care and the management of the Government health services;

(g) statistical interpretation of epidemiological data;

(h) compilation of reports on the health status of the population and on the structure, procedures and outcome of health services in Malta, using available data;

(i) assistance in the design and conduct of health surveys;

(j) supervision of junior staff in the section.

(k) making use of the Information Technology systems which may be in operation within the Health Division.

7.4. The appointee may be required to work in the various departments within the Health Division.

7.5. The appointee will be given all help to further his/her career within the exigencies of the service. He/She will be required to participate in the academic activities of the Department of Public Health.

7.6. The appointee will be required to make use of the Information Technology systems which may be in operation within the Health Division.

8. By the closing time and date of this call for applications, applicants must:

a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the

(f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-UE);

JEW

(iv) il-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment tac-Ċittadinanza u *Expatriates,* Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija soġġetta għall-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u/jew bil-Lingwa Ingliża. It-tobba li ma jkunux profiċjenti fil-Malti jkunu meħtieġa li jipprovdu evidenza ta' profiċjenza bażika fil-lingwa Maltija qabel ma jiġu kkonfermati fil-ħatra.

ċ) ikollhom reġistrazzjoni sħiħa mal-Kunsill Mediku ta' Malta;

d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47), filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern Malti, u jagħtu d-dettalji).

8.1. Tingħata konsiderazzjoni xierqa lill-applikanti li jkollhom evidenza ta' *Continued Medical Education* u ta' riċerka.

9.1. Applikazzjonijiet jintlaqgħu wkoll mingħand:

(a) kandidati li ma jkollhomx ir-reġistrazzjoni msemmija f'paragrafu 8(ċ) hawn fuq bil-kundizzjoni li juru evidenza li se jikkwalifikaw għall-imsemmija reġistrazzjoni sal-15 ta' Ottubru 2008 u bil-kundizzjoni li jissodisfaw il-kundizzjonijiet imsemmija f'paragrafi 8(a), (b) u (d). Jekk jintgħażlu dawn il-kandidati jridu jakkwistaw l-imsemmija reġistrazzjoni qabel ma jingħataw il-ħatra.

(b) kandidati li ma jkollhomx ir-reġistrazzjoni msemmija f'paragrafu 8(ċ) hawn fuq bil-kundizzjoni li juru evidenza li se jikkwalifikaw għall-imsemmija reġistrazzjoni sal-15 ta' Ottubru 2009 u bil-kundizzjoni li jissodisfaw il-kundizzjonijiet imsemmija f'paragrafi 8(a), (b) u (d). Jekk jintgħażlu dawn il-kandidati jridu jakkwistaw l-imsemmija reġistrazzjoni qabel ma jingħataw il-ħatra. Minbarra dan dawn il-kandidati

Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry of Foreign Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

b) have the ability to communicate in the Maltese and/or English Languages. Doctors not proficient in Maltese will be required to provide evidence of basic proficiency in the Maltese language before confirmation of appointment.

c) be in possession of full registration with the Medical Council of Malta;

d) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); Those applying from outside the Malta Public Service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Maltese Government Service giving details).

8.1. Due consideration will be given to applicants who possess evidence of Continued Medical Education and Research.

9.1. Applications will also be considered from:

(a) candidates who are not in possession of the registration mentioned in paragraph 8(c) above provided they produce evidence that they would qualify for such registration by 15 October 2008 and provided they satisfy the requirements in paragraphs 8(a), (b) and (d). If selected, such candidates must obtain the said registration before appointment.

(b) candidates who are not in possession of the registration mentioned in paragraph 8(c) above provided they produce evidence that they would qualify for such registration by 15 October 2009 and provided they satisfy the requirements in paragraphs 8(a), (b) and (d). If selected, such candidates must obtain the said registration before appointment. Moreover such candidates will only be appointed Basic Specialist

jinħatar *Basic Specialist Trainees* biss jekk ikunu ħadmu bħala *Housemen* fis-Servizz Pubbliku ta' Malta għall-perjodu kontinwu minn Lulju 2008 sakemm jieħdu l-ħatra.

9.2. L-applikanti li jgħaddu taħt dan il-paragrafu jiġu offruti ħatra biss wara lit kun ġiet eżawrita l-lista ta' l-applikanti l-oħra kollha li jkunu għaddew mill-intervista skond paragrafu 8 dejjem jekk ikun għad baqa' postijiet vakanti. F'każ li jkun hemm bżonn li tiġi determinata l-ordni tal-mertu ta' l-applikanti taħt paragrafu 9.1. (a) u paragrafu 9.1. (b), tingħata preferenza lill-applikanti taħt paragrafu 9.1. (a).

10.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap.413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-Management and Personnel Office u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

10.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Diviżjoni tas-Saħħa u tkun ikkupjata lill-KNPD.

11.1. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, illi kopja tagħhom għandha tkun jew mehmuża ma' l-applikazzjoni jew jintbagħtu separatament lid-Dipartiment konċernat mhux aktar tard minn għaxart ijiem ta' xogħol mid-data ta' l-għeluq. Kopji mgħoddija bl-i*scanner* huma aċċettabbli.

11.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

11.3. Hija r-responsabbiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/istituzzjonijiet terzjarji, li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa mill-*Malta Qualifications Recognition Information Centre* (*MQRIC*) fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport jew l-awtorità kompetenti, skond il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibgħatu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti, lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Trainees so long as they have been serving as Housemen in the Malta Public Service for a continuous period starting from July 2008 until their appointment.

9.2. Successful applicants under this paragraph will be offered an appointment only after the list of successful applicants under paragraph 8 has been exhausted, provided vacancies are available. In determining the order of merit of successful applicants under paragraph 9.1. (a) and paragraph 9.1. (b), those applying under paragraph 9.1. (a) shall be given preference.

10.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap.413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

10.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Health Division and copied to the NCPD.

11.1. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should either be attached to the application or sent separately to the receiving Department by not later than ten (10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

The Kunsill Malti għall-Isport receives sealed quotations up to noon of Thursday, 3rd July, 2008, for:-

Transport services in connection with its "Summer on the Move" sport programme.

Documents and conditions can be collected from the Finance Office of the Kunsill Malti għall-Isport, Cottonera Sports Complex, Cottoner Avenue, Cospicua BML 9020, between 8.00 a.m. and 1.00 p.m.

17th June, 2008

KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN

Il-Kunsill Lokali San Ġwann jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, l-4 ta' Lulju 2008, fil-kaxxa ta' l-offerti fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill jintlaqgħu offerti magħluqin immarkati bir-riferenzi relattivi għal:-

Avviż Nru. SGNLC/T/003/08. Tindif u għassa f'latrina pubblika.

Avviż Nru. SGNLC/T/004/08. Tindif ta' toroq.

Avviż Nru. SGNLC/T/005/08. Tindif u manutenzjoni ta' *parks* u ġonna.

Għandu jitħallas dritt ta' €60.00 (Lm25.76) għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Id-dokumenti relevanti għandhom jinkisbu mill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill bil-ħlas kif jidher hawn fuq.

L-offerti jinfetħu fil-pubbliku fid-data u l-ħin ta' l-għeluq.

Il-Kunsill jirriżerva d-dritt li jirrifjuta kwalunkwe offerta, anke l-aktar offerta vantaġġuża.

Is-17 ta' Ġunju, 2008

SAN ĠWANN LOCAL COUNCIL

The San Ġwann Local Council notifies that:-

Sealed tenders marked with the relevant references are to be deposited in the tender box at the Council's Administrative Office by not later than noon of Friday, 4th July 2008, for:-

Advt. No. SSGNLC/T/003/08. Cleaning and attendance of public convenience.

Advt. No. SGNLC/T/004/08. Street cleaning.

Advt. No. SGNLC/T/005/08. Cleaning and maintenance of parks and gardens.

A fee of €60.00 (Lm25.76) is to be paid for each copy of tender document.

The relevant documents may be obtained from the Council's Administrative Office against the payment shown above.

Tenders submitted will be opened immediately after closing time.

The Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

17th June, 2008

KUNSILL LOKALI MELLIEĦA

Il-Kunsill Lokali Mellieħa jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar ta' nhar it-Tlieta, il-15 ta' Lulju, 2008, jintlaqgħu offerti magħluqin fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, għal:-

Avviż Nru. 1/2008. Provvista ta' *hot* u *cold asphalt*.

Avviż Nru. 2/2008. Provvista u konsenja ta' konkos *ready-mix* għal użu ġenerali.

Id-dokumenti ta' l-offerta jinkisbu mill-Uffiċċju tal-Kunsill wara li jitħallas dritt ta' €25.00 (Lm10.73).

Is-sottomissjonijiet għandhom isiru fuq il-formola mehmuża mad-dokumenti ta' l-offerta rispettiva. L-offerti kollha jinfetħu fil-pubbliku eżattament wara l-ħin ta' l-għeluq.

Il-Kunsill iżomm id-dritt li jirrifjuta anke l-aktar offerta li tidher vantaġġuża.

Is-17 ta' Ġunju, 2008

MELLIEĦA LOCAL COUNCIL

The Mellieħa Local Council notifies that:-

Sealed tenders will be received at the Council's Administrative Office up to noon of Tuesday, 15th July, 2008, for:–

Advt. No. 1/2008. Supply of hot and cold asphalt.

Advt. No. 2/2008. Supply and delivery of ready-mix concrete for general use.

Tender documents may be collected from the Council's office against a fee of €25.00 (Lm10.73).

Submissions are to be made on the form provided with the relative tender documents. All tenders will be opened in public immediately after closing time.

The Council reserves the right to refuse even the most seemingly advantegeous offer.

17th June, 2008

KUNSILL LOKALI MSIDA

Il-Kunsill Lokali Msida jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, it-18 ta' Lulju 2008, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. MLC/T07/2008. Servizzi ta' tindif fiċ-Ċentru Ċiviku ta' l-Imsida.

L-ispeċifikazzjonijiet relattivi u dokumenti jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. L-offerti jistgħu jinkisbu fuq ħlas nominali ta' €50.00 (Lm21.47) u jinfetħu fil-pubbliku minnufih wara l-ħin ta' l-għeluq.

Il-Kunsill Lokali Msida jirriserva d-dritt li jirrifjuta anke dik l-aktar waħda vantaġġuża.

Is-17 ta' Ġunju, 2008

MSIDA LOCAL COUNCIL

The Msida Local Council notifies that:-

Sealed tenders will be received up to noon of Friday, 18th July 2008, for:-

Advt. No. MLC/T07/2008. Cleaning services at the Msida Civic Centre.

The relative specifications and documents may be withdrawn from the Council's Administrative Office. Tenders may be collected against a nominal fee of €50.00 (Lm21.47) and will be opened in public immediately after closing time.

The Msida Local Council is not bound to accept the lowest tender received.

17th June, 2008

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

926

Ikun jaf kulħadd, illi il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) permezz ta' digriet mogħti fl-10 ta' Ġunju 2008, fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 120/08 NC, fl-ismijiet Gaetana Benamar (ID No. 102572M) vs Nader Benamar (ID No. 24856A) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika favur l-intimat, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fl-ismijiet (Rikorrent) Gaetana Benamar ID No. 102572M) kontra (Intimat) Nader Benamar (ID 24856A) b' passaport Libjan Numru 459617, bin Abdul El Kasim Ben Amar u Ganila Zletni, ir-rikorrenti Gaetana Benamar, ID 102572M esponiet bir-rispett;

Illi l-esponenti għandha interess illi l-minuri hawn taħt imsemmi ma jittiħidx barra minn Malta;

Illi l-intimat huwa persuna li għandu jista' jkollu l-kustodja legali jew attwali ta' l-imsemmi minuri;

Għaldaqstant l-esponenti umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-intimat …omissis… biex ma jiħux l-imsemmi minuri barra minn Malta;

Dettalji tal-minorenni.

1) Susan Benamar bint Nader Benamar u Gaetana Benamar, imwielda Pietà Malta, fit-28 ta' Ottubru 2000.

It is hereby notified, that the Civil Court (Family Section), by means of a decree given on the 10th June 2008, in the records of the Warrant of Prohibitory Injunction number 120/08 NC, in the names Gaetana Benamar (ID No. 102572M) vs Nader Benamar (ID No. 24856A), ordered the following publication for the purpose of service of the respondent, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of an Application, filed, in the Civil Court (Family Section) in the names (Applicant Gaetana Benamar ID No. 102572M) against (Respondent) Nader Benamar (ID 24856A) with Libyan Passport Number 459617, son of Abdul El Kasim Ben Amar and Ganila Zletni, the applicant Gaetana Benamar, ID 102572M pleaded with respect;

That the applicant has an interest that the minors hereunder mentioned are not taken abroad;

That the respondent is a person that has/can have the legal or actual custody of the said minor;

Thus the applicant humbly asks that this Honourable Court orders the issue of a Warrant of Prohibitory Injunction against the respondent….omissis… in order not to take the said minor outside Malta;

Details of the minor.

1) Susan Benamar daughter of Nader Benamar and Gaetana Benamar, born in Pietà Malta on the 28th October 2000.

2) Nadine Benamar bint Nader Benamar u Gaetana Benamar imwielda Pietà Malta, fit-28 ta' Ottubru 2000.

Ir-Rikorrenti tinsab għaddejja fi proċeduri ta' separazzjoni minn mal-intimat, liema proċeduri jinvolvu wkoll il-kura u kustodja tal-minuri msemmija u jinsabu fi stadju ta' Medjazzjoni (Ittra Numru 387/08).

Rikorrent: 22, Tommaso Caruana Demajo Street, Ħamrun.

Intimat: 'Nikki Cassar' 182, Triq San Pawl, Valletta.

Eżekuzzjoni: Kontrollur tad-Dwana Valletta.
Uffiċjal Passaporti
Kummissarju tal-Pulizija, Floriana.

Mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) bix-xhieda ta' Onor. Imħallef N. Cuschieri, LLD. Duttur tal-Liġi.

Illum 16 ta' Mejju 2008.
Fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja)

Fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni
Numru 120/08 NC.

Rikors tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Illi l-esponenti ġie notifikat bil-Mandat ta' Inibizzjoni fin-numru premess u bid-Digriet tal-Qorti tas-16 ta' Mejju 2008, li permezz tiegħu din l-Onorabbli Qorti laqgħet it-talba ta' Gaetana Benamar sabiex twaqqaf lil Nader Benamar milli jieħu lit-tewmin minuri Susan u Nadine ahwa Benamar barra minn Malta;

Illi l-istess esponenti eleva l-passaporti maħruġa f'isem il-minuri Susan u Nadine aħwa Benamar…omissis…

Illi peress illi l-passaport ta' Nader Benamar huwa Libjan l-esponenti ma tistax televa tali passaport;

Għaldaqstant l-esponent filwaqt li ġġib is-suespost a formali konjizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti titlob lil din l-Onorabbli Qorti tagħti dawk id-direttivi li jidhrilha xierqa u opportuni.

Qorti Ċivili

(Sezzjoni tal-Familja)

Onor. Imħallef Noel Cuschieri LL.D. Mag. Juris (Eur Law)

2) Nadine Benamar daughter of Nader Benamar and Gaetana Benamar born in Pietà, Malta on the 28th October 2000.

The Applicant is presently going through separation proceedings with her husband which procedures involve the care and custody of the minors mentioned and are in a stage of Mediation (Letter Number 387/08).

Applicant: 22, Tommaso Caruana Demajo Street, Ħamrun.

Respondent: 'Nikki Cassar' 182, St. Paul Street, Valletta.

Execution: Comptroller of Customs, Valletta.
Passport Officer
Commissioner of Police, Floriana.

Given by the Civil Court (Family Section) with the witness of the Hon. Mr. Justice N. Cuschieri, LLD. Doctor of Laws.

Today 16th May 2008.
In the Civil Court (Family Section)

In the records of the Warrant of
Prohibitory Injunction Number 120/08 NC.

Application of the Commissioner of Police.

That the Applicant was notified with a Warrant of Prohibitory Injunction in the number premised and with the Court Decree of the 16th May 2008, in virtue of which this Honourable Court upheld the demand of Gaetana Benamar, in order to stop Nader Benamar, from taking outside Malta, the minor twins Susan and Nadine, sisters Benamar;

That the same applicant gathered the passports in the names of the minors Susan and Nadine sisters Benamar ...omissis…

That since the passport of Nader Benamar is Libyan the applicant cannot gather the said passport;

Thus the applicant whilst bringing the above to the formal notice of this Honourable Court, asks this Honourable Court to give those directives it deems fit and Honourable.

Civil Court

(Family Section)

Hon. Mr. Justice Noel Cuschieri LL.D. Mag. Juris (Eur Law)

Mandat ta' Inibizzjoni: 120/08.

Fl-ismijiet: Gaetana Benamar vs Nader Benamar

Komunika: Dr Anthony Cutajar.

Il-Qorti;

Rat ir-Rikors;

Tordna li provviżorjament l-intimat jiddepożita l-passaport tiegħu li fuqu hemm indikat l-ismijiet tat-tfal minuri fir-Reġistru tal-Qorti immedjatament u tordna li d-digriet odjern jiġi notifikat lill-intimat a kura ta' Gaetana Benamar.

Illum 23 ta' Mejju 2008.

Iffirmat Maria Cassar
Deputat Reġistratur.

Fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja)

Fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni
Numru 120/08 NC

Rikors ta' Gaetana Benamar (ID No. 102572M)

Illi in segwitu għat-talba għall-ħruġ tal-Mandat fl-ismijiet premessi din l-Onorabbli Qorti, permezz ta' digriet datat 16 ta' Mejju 2008, kienet laqgħet it-talba u ordnat notifika lill-kontro parti.

Illi sussegwentement u wara li il-Kummissarju tal-Pulizija, ippreżenta nota fl-atti tal-Mandat, permezz ta' digriet ieħor ta' din l-Onorabbli Qorti, datat 23 ta' Mejju 2008, kien ġie ordnat illi l-intimat proviżorjament jiddepożita l-passaport tiegħu li fuqu hemm indikat l-ismijiet tat-tfal minuri fir-Reġistru tal-Qorti immedjatament, u ordnat oltre illi dan l-istess digriet, jiġi notifikat lill-intimat a kura ta' Gaetana Benamar.

Illi ir-rikorrenti Gaetana Benamar, wara li ppreżentat il-Mandat fl-ismijiet premessi saret taf li l-intimat ma għadux jirrisjedi fil-fond ' Niki Cassar' 182, Triq San Pawl, Valletta, iżda mar jgħix x'imkien f'Buġibba, għalkemm l-indirizz ma tafux.

Illi tenut kont tad-digriet tat-23 ta' Mejju 2008 u l-ordni lill-intimat hemm kontenuta, fl-umli fehma tal-esponenti ma jagħmilx sens li n-notifika tad-digriet issir permezz tal-pubblikazzjoni…omissis…

Illi l-esponenti ġiet mgħarrfa wkoll mis-*social worker* ommissis..., tal-Aġenzija Appoġġ ..omissis. li hija kienet taf fejn qed jirrisjedi l-intimat pero kienet prekluża milli tgħaddilha l-indirizz tiegħu.

Warrant of Prohibitory Injunction: 120/08

In the names: Gaetana Benamar vs Nader Benamar

Notify: Dr Anthony Cutajar.

The Court;

Saw the Application;

Provisionally orders that the respondent deposit his passport on which there is indicated the names of the minor children, in the Court Registry immediately and orders that the said decree be notified to the respondent, at the expense of Gaetana Benamar.

Today 23rd May 2008.

Signed Maria Cassar
Deputy Registrar.

In the Civil Court (Family Section)

In the records of the Warrant of
Prohibitory Injunction Number 120/ 08 NC.

Application of Gaetana Benamar (ID No. 102572M)

That following the demand for the issue of a Warrant in the names premised this Honourable Court by means of a decree dated 16th May 2008, had upheld the demand and ordered that the respondent be notified.

That subsequently and after the Commissioner of Police, filed a Note in the records of the Warrant by means of another decree of this Honourable Court dated 23rd May 2008, it was ordered that the respondent provisionally deposit his passport on which there is indicated the names of the minor children in the Court Registry immediately, and also ordered that this same decree, be notified to the respondent, at the expense of Gaetana Benamar.

That the applicant Gaetana Benamar, after filing the Warrant in the names premised came to know that the respondent does no longer reside in the premises 'Niki Cassar' 182, St. Paul Street, Valletta, but went to live somewhere in Bugibba, although she does not know the address.

That keeping in view the decree of the 23rd May 2008 and the order of the respondent therein contained in the humble opinion of the applicant it does not make sense that the decree be notified by means of publication…omissis….

That the applicant was notified also by the social worker ommissis, of Appoġġ Agency….omissis.. that she knew where the respondent was notified however she was precluded from passing to her, his address.

Għaldaqstant u in vista tal-premess l-esponenti, umilment titlob illi din l-Onorabbli Qorti, jgħoġobha tawtorizza lis-*social worker* Marvic mill-Aġenzija Appoġġ, sabiex tgħaddi lill-esponenti l-indirizz tal-intimat sabiex in-notifika tad-digrieti hawn fuq imsemmija tkun tista' issir mingħajr dewmien.

Esponenti: 22, Tommaso Caruana Demajo Street, Ħamrun.

Qorti Ċivili

(Sezzjoni tal-Familja)

Onor. Imħallef Raymond C. Pace LL.D. Dip. Trib. Eccl. Melit.

Fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni 120/08.

Fl-ismijiet Gaetana Benamar
Vs

Nader Benamar

Il-Qorti;

Rat ir-Rikors datat 30/5/2008,

Tiċħad it-Talba.

Illum 30 ta' Mejju 2008.

Iffirmat Maria Cassar

Deputat Reġistratur.

Fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja)

Fl-atti tal-Mandat numru 120/08 NC

Rikors ta' Gaetana Benamar (ID No. 102572M)

Tesponi bir-rispett;

Illi in segwitu għat-talba tagħha għall-ħruġ tal-Mandat fl-ismijiet premessi din l-Onorabbli Qorti, permezz ta' digriet, datat 16 ta' Mejju 2008, kienet laqgħet it-talba u ordnat in-notifika lill-kontro-parti.

Illi sussegwentement u wara li l-Kummissarju tal-Pulizija, ippreżenta nota fl-atti tal-Mandat, permezz ta' digriet ieħor ta' din l-Onorabbli Qorti, tat-23 ta' Mejju 2008, kien ġie ordnat illi l-intimat proviżorjament, jiddepożita l-passaport tiegħu ..omissis.. fir-Reġistru immedjatament…omissis…

Thus and in view of the premised, the applicant, humbly prays that this Honourable Court, authorizes the social worker Marvic, from Appoġġ Agency to pass to applicant, the address of the respondent so that the service of the decrees above mentioned, can be made without any delay.

Applicant: 22, Tommaso Caruana Demajo Street, Ħamrun.

Civil Court

(Family Section)

Hon. Mr. Justice Raymond C. Pace LL.D. Dip. Trib. Eccl. Melit.

In the records of the Warrant of Prohibitory Injunction 120/08

In the names Gaetana Benamar
Vs

Nader Benamar

The Court;

Saw the Application dated 30/5/2008,

Rejects the Application.

Today 30th May 2008.

Signed Maria Cassar

Deputy Registrar.

In the Civil Court (Family Section)

In the records of the Warrant Number 120/08 NC

Application of Gaetana Benamar (ID No. 102572M)

Pleads with respect;

That following her application for the issuing of a Warrant in the names premised this Honourable Court, by means of a decree dated 16th May 2008, had upheld the application and ordered that the respondent be notified.

That subsequently and afterwards the Commissioner of Police, filed a note in the records of the Warrant, by means of another decree of the Honourable Court of the 23rd May 2008, it was ordered that the respondent provisionally, deposit his passport…..omissis…in the Registry immediately… omissis…

…omissis…

Illi t-talba tagħha sabiex is-*social worker* Marvic mill-Aġenzija Appoġġ li taf l-indirizz tal-intimat f'Buġibba, tiġi awtorizzata tgħaddilha l-istess indirizz għal skopijiet ta' notifika tad-digrieti hawn fuq imsemmija ġiet miċħuda.

Illi madankollu jidher li b'xi mod l-intimat sar jaf bid-digriet….omissis…

Għaldaqstant u in vista tal-premess l-esponenti umilment titlob, illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tagħti direzzjoni jekk id-digrieti hawn fuq imsemmija għandhomx xorta waħda jiġu notifikati lill-intimat u jekk fl-affermattiv, tawtorizza lill-esponenti sabiex in-notifika tagħhom lill-intimat tagħmilha bil-proċedura tal-affissjoni ...omissis… u pubblikazzjoni.

Qorti Ċivili
(Sezzjoni tal-Familja)

Onor. Imħallef Gino Camilleri, B.A. LL.D.

Fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni: 120/08 NC

Fl-ismijiet

Gaetana Benamar vs Nader Benamar

Il-Qorti;

Rat ir-Rikors;

Tordna li jsiru n-notifiki kollha neċessarji u dana bil-proċedura tal-affissjoni.

Illum 10 ta' Ġunju 2008.

Iffirmat Maria Cassar
Deputat Reġistratur.

Rikorrent: 22, Tommaso Caruana Demajo Street, Hamrun.

Intimat: 'Nikki Cassar' 182, Triq San Pawl, Valletta.

Eżekuzzjoni: Kontrollur tad-Dwana ……Valletta.
Uffiċjal Inkarigat Passaporti……
Kummissarju tal-Pulizija…Floriana.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) illum 13 ta' Ġunju 2008.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

…omissis…

That her application so that the social worker Marvic from Appoġġ Agency who knows the address of the respondent in Buġibba, be authorized to pass the same address for the purpose of service of the decrees, above mentioned was rejected.

That despite all this it appears that in some way the respondent came to know of the decree…omissis…

Thus and in view of the premised, the applicant, humbly prays, that this Honourable Court, gives a directive if the decrees above mentioned, should still be notified to the respondent and if in the affirmative, authorize the applicant so that they be served upon the respondent, by the procedure of posting…omissis... and publication.

Civil Court
(Family Section)

Hon. Mr. Justice Gino Camilleri B.A. LLD.

In the records of the Warrant of Prohibitory Injunction: 120/08 NC

In the names

Gaetana Benamar vs Nader Benamar

The Court;

Saw the Application;

Orders that all the necessary services be made and this by the procedure of posting.

Today 10th June 2008.

Signed. Maria Cassar.
Deputy Registrar.

Applicant: 22, Tommaso Caruana Demajo Street, Hamrun

Respondent: 'Nikki Cassar' 182, Saint Paul Street, Valletta.

Execution: Comptroller of Customs….Valletta.
Official in Charge of Passports……
Commissioner of Police …Floriana.

Registry of the Civil Court (Family Section) today 13th June 2008.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

927

Ikun jaf kulħadd, illi b'digriet tat-30 ta' Ottubru 2007, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), ordnat il-pubblikazzjoni tal-bandu li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' l-Artikolu 931(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qorti

Billi b'digriet mogħti minn din il-Qorti, fit-30 ta' Ottubru 2007, fuq talba ta' Mary Therese Zarb ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lil assenti Mahmoud Hussein Hassan Hussein, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat nru 416/07NC fl-ismijiet 'Mary Therese Zarb vs. Kuraturi Deputati' u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Rikors maħluf ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fl-ismijiet Mary Therese Zarb (ID 9975M) vs Kuraturi Deputati nominati biex jirrapreżentaw lill-assenti Mahmoud Hussein Hassan Hussein, fit-22 ta' Ottubru 2007, ir-rikorrenti talbet lil din l-Onorabbli Qorti tiddikjara;

1. Illi ż-żwieġ ta' bejn il-kontendenti ċelebrat fit-18 ta' Novembru 1997, huwa null u bla effett ai termini tal-Artikli 19(1) (d) u (f) tal-Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż, kontra l-intimat inġunt in subizzjoni

Lista ta' xhieda.

Lista ta' Dokumenti.

Rik: 1, Alley 2, Narrow Street, Lija.

Int: Kuraturi Deputati. Il-Qorti, Valletta.

Inti għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri, u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala Kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel Kuratur ta' l-Uffiċċju.

It is hereby notified, that by means of a decree of the 30th October 2007, the Civil Court (Family Section) ordered the publication of the bann which appears hereunder for the purpose of Article 931(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Bann for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

Whereas by a decree given by this Court, on the 30th October 2007, following a request by Mary Therese Zarb, it was ordered that Deputy Curators be chosen to represent the absent Mahmoud Hussein Hassan Hussein, in the records of the Application number 416/07 NC in the names 'Mary Therese Zarb vs Deputy Curators' and in the relative and subsequent acts.

By means of the Sworn Application, filed, in the Civil Court (Family Section) in the names Mary Therese Zarb (ID 9975M) vs Deputy Curators appointed to represent the absent Mahmoud Hussein Hassan Hussein, on the 22nd October 2007, the applicant asked this Hoinourable Court to declare;

1. That the marriage celebrated between the parties on the 18th November 1997, is null and without efect in terms of Articles 19(1) (d) and (f) of Chapter 255 of the Laws of Malta.

With costs, against the respondent, summoned so that a reference to his evidence be made.

List of witnesses.

List of documents.

Applicant: 1, Alley 2, Narrow Street, Lija.

Respondent: Deputy Curators: Courts of Justice, Valletta.

Your are therefore ordered to affix an official copy of this bann of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

U wara li tkun għamilt dana, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla hawn fuq imsemmija bix-xhieda ta' l-Onor.Giannino Caruana Demajo LL.D.

Illum 30 ta' Ottubru, 2007.

Reġistru tal-Qrati Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) illum 16 ta' Ġunju 2008.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of the said bann, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall above mentioned with the witness of the Hon. Mr. Justice Giannino Caruana Demajo LL.D.

Today 30th October, 2007.

Registry of the Civil Courts (Family Section) today 16th June 2008.

ADV.DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

928

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fid-29 ta' Mejju 2008 ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Bank of Valletta p.l.c. (C2833) ta' 1/5, Palace Square, Valletta, ippreżentaw talba fid-9 ta' April 2008 fejn talbu lill-Qorti sabiex tikkundanna lil Freddy Van Oevelen (ID 67595M) ta' Sivori, Triq Francesco Buhagiar, Birkirkara, sabiex jħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €7,696.92 (Lm3,304.29) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax.

Il-kawża (Avviż Nru 160/08CSH) hija differita għall-24 ta' Ġunju 2008 fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 12 ta' Gunju 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Court of Magistrates (Malta) of the 29th May 2008, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Bank of Valletta p.l.c (C2833) of 1/5 Palace Square, Valletta, filed a Claim on the 9th April 2008, whereby they asked the Court to condemn Freddy Van Oevelen (ID 67595M) of Sivori, Triq Francesco Buhagiar, Birkirkara, to pay the plaintiff company the sum of €7,696.92 (Lm3,304.29) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Notice Number 160/08CSH) is put off to the 24th June 2008 at 9.00 a.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 12th June 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

929

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM' AWLA fit-12 ta' Ġunju, fuq rikors ta' AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA ġie ffissat il-jum ta' l-Erbgħa, 15 ta' Ottubru, 2008 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li għandu jsir f'149, TRIQ ID-DEJQA, VALLETTA tal-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand GAUCI CHRISTOPHER.

Sufani, Mejda, Pultruni, Gwardarobbi u Fan.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ġimgħa, 13 ta' Ġunju, 2008.

MICHAEL PORTELLI BA (HONS)
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on the 12th June 2008, on the application of AWTORITA MARITIMA TA' MALTA, Wednesday, 15 October, 2008 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION to be held at 149, TRIQ ID-DEJQA, VALLETTA of the following items seized from the property of GAUCI CHRISTOPHER.

Sofas, Table, Armchairs, Wardrobes and a Fan.

Registry of the Superior Courts, this Friday, 13 June, 2008.

MICHAEL PORTELLI BA (HONS)
For the Registrar of Civil Courts and Tribunals

930

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tad-9 ta' Ġunju 2008, mogħti mill-Qorti Ċivili Prim Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skond l-artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazjoni Ċivili (Kap.12)

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM' AWLA fit-8 ta' April, 2008 fuq rikors ta' Lombard Bank Malta Plc ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 24 ta' Ġunju, 2008 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tat-2 ta' Marzu, 2007 li għandu jsir fl-ewwel sular ta' dawn il-Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Valletta tal-fondi hawn taħt deskritt.

Il-fond kummerċjali bl-isem 'Allegro Andante Restaurant' 130, Triq Spinola, San Ġiljan, artikolat f'erbgħa livelli, li l-ogħla minnhom huwa fil-livell ta' Triq Spinola u l-iktar wieħed fil-baxx huwa fil-livell ta' Xatt il-Baħar tal-Bajja ta' Spinola, liberu u frank, formanti parti minn korp ta' bini akbar, stmat li jiswa €1,944,269 (Lm834,675).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Allegro Andante Limited.

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt mill-AIC Renato La Ferla fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fl-20 ta' Settembru, 2007.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 15 ta' April, 2008.

ALAN K. ZERAFA B.A. (HONS), M.A.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the 9th June 2008 given by the First Hall Civil Court, the court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(3) of the code of organization and civil procedure (Cap. 12)

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 8th April, 2008 on the application of Lombard Bank Malta Plc, Tuesday 24th June, 2008 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 2nd March, 2007 to be held in the in the first floor of these Law Courts, Republic Street, Valletta of the following property.

The commercial tenement named 'Allegro Andante Restaurant, 130, Spinola Road, St. Julian's, articulated on four levels, the highest leveled with Spinola Road and the lowest leveled with the seafront of Spinola Bay, free and unencumbered, forming part of a larger building complex, valued at €1,944,269 (Lm834,675).

The said tenement is the property of Allegro Andante Limited.

N.B. The said tenement will be sold as described in the report sworn by AIC Renato La Ferla on 20th September, 2007.

Registry of the Superior Courts, this 15th April, 2008.

ALAN K. ZERAFA B.A. (HONS), M.A.
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

931

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim' Awla fit-12 ta' Ġunju, 2008 fuq rikors ta' Business Tower Ltd ġie ffissat il-jum tat-Tnejn, 20 ta' Ottubru, 2008 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-Bejgħ bl-Irkant li għandu jsir f'198, Cannon Road, St Venera, tal-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand Montaigne Investments Ltd.

Skrivaniji, gwardarobbi, printers, salott, mirji, tapiti, desk computer, television, Hoover, magna tal-kafé, telephones u xi affarijiet oħra.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ġimgħa, 13 ta' Ġunju, 2008.

MICHAEL PORTELLI BA (HONS.)
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court, First Hall on 12 June, 2008 on the application of Business Tower Ltd, Monday, 20 October, 2008 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the Sale by Auction to be held at 198, Cannon Road, St. Venera, of the following items seized from the property of Montaigne Investments Ltd.

Desks, wardrobes, printers, living room, mirrors, carpets, desk computer, television, hoover, coffee machine, telephones and other items.

Registry of the Superior Courts, this Friday, 13 June, 2008.

MICHAEL PORTELLI BA (HONS.)
For the Registrar of Civil Courts and Tribunals

932

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-22 ta' Mejju 2008, mogħti mill-Qorti Ċivili Prim Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap.12)

Illi b'Rikors u Ċedola ta' Kompensazzjoni kontestwalment preżentati minn Bank of Valletta plc, fit-8 ta' Mejju 2008, qed tintalab tpaċija ta' l-ammont ta' €17,000 (Lm7,298.10), prezz minnhom offert fil-bejgħ bl-irkant 1/05 fl-ismijiet Bank of Valletta plc vs Alaadin Adel Hazzouri et, miżmum taħt l-Awtorità ta' din il-Qorti fis-7 ta' Frar 2008.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum it-12 ta' Ġunju 2008

ALAN K. ZERAFA B.A.(HONS), M.A.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the 22nd May 2008, given by the First Hall Civil Court, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187(3) of the Code of Organization and Civil Procedure (Cap. 12)

That by application and a Schedule of set-off filed contemporaneously by BANK OF VALLETTA PLC on the 8th May 2008, the approval of the said judicial acts is being demanded for the amount of €17,000 (Lm7,298.10) following judicial sale by auction 1/05 in the names Bank of Valletta plc vs Alaadin Adel Hazzouri, held under the Authority of the said Court on the 7th February 2008.

Registry of the SUPERIOR COURTS, today the 12th June 2008

ALAN K. ZERAFA B.A.(HONS), M.A.
For The Registrar, Civil Courts and Tribunals

933

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tad-9 ta' Ġunju 2008, mogħti mill-Qorti Ċivili Prim Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap.12)

Illi b'Rikors ippreżentat fit-22 ta' Jannar 2008 minn Lombard Bank Malta p.l.c., l-imsemmi Bank qed jitlob li jagħmel offerti Animo Compensandi fil-bejgħ bl-irkant 22/07 fl-ismijiet; Lombard Bank of Valletta plc vs Allegro Andante Ltd

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum it-13 ta' Ġunju 2008

ALAN K. ZERAFA B.A. (HONS)
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the 9th June 2008 given by the First Hall Civil Court, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187(3) of the Code of Organization and Civil Procedure (Cap. 12)

That by an application filed on the 22nd January 2008 by Lombard Bank Malta plc, the said Bank is asking to make bids Animo Compensandi in the Sale by auction 22/07 in the names; Lombard Bank of Valletta plc vs Allegro Andante Ltd

Registry of the Superior Courts, today the 13th June 2008

ALAN K. ZERAFA B.A. (HONS)
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

934

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM'AWLA fit-12 ta' Ġunju, 2008 fuq rikors ta' JAMES CAMILLERI & SONS ġie ffissat il-jum tat-Tnejn, 20 ta' Ottubru, 2008 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li għandu jsir f'FAB WOODWORKS LTD, TRIQ PRINCE ALBERT, MARSA tal-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand FABRI JOSEPH.

Band saw, Lupa u xi makkinarju ieħor

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ħamis, 12 ta' Ġunju, 2008.

MICHAEL PORTELLI, BA (HONS)
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 12th June, 2008 on the application of JAMES CAMILLERI & SONS, Monday, 20th October, 2008 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION to be held at FAB WOODWORKS, PRINCE ALBERT TOWN, MARSA of the following items seized from the property of FABRI JOSEPH.

Band saw, planer and other machinery.

Registry of the Superior Courts, this Thursday, 12th June, 2008.

MICHAEL PORTELLI, BA (HONS)
For the Registrar of Civil Courts and Tribunals

935

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM'AWLA fit-13 ta' Ġunju, 2008 fuq rikors ta' FOGG INSURANCE AGENCIES LTD ġie ffissat il-jum ta' l-Erbgħa, 8 ta' Ottubru, 2008 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tat-18 ta' April, 2007 li għandu jsir f'149, TRIQ ID-DEJQA, VALLETTA tal-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand SCHEMBRI ALFRED ET.

Mejda u erba' siġġijiet tal-metall, computer, skrivanija u CD stereo u xi affarijiet oħra

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ġimgħa, it-13 ta' Ġunju, 2008.

MICHAEL PORTELLI, BA (HONS)
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 13th June, 2008 on the application of FOGG INSURANCE AGENCIES LTD, Wednesday, 8th October, 2008 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 18th April, 2007 to be held at 149, TRIQ ID-DEJQA, VALLETTA of the following items seized from the property of SCHEMBRI ALFRED ET.

Table and 4 chairs, desk, CD stereo, computer and other items.

Registry of the Superior Courts, this Friday, 13th June, 2008.

MICHAEL PORTELLI, BA (HONS)
For the Registrar of Civil Courts and Tribunals

936

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tas-6 ta' Mejju 2008, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Maltacom plc (C22334) u b'digriet tas-7 ta' April 2008 l-isem tas-soċjetà attriċi ġie mibdul għal Go plc ta' Spencer Hill, Marsa, ippreżentaw Talba, fil-31 ta' Ottubru 2007, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Karl u Marquita konjugi Cilia (ID117077M u 422677M) ta' Fredmar Court, Flat 10, Triq Alofju Wignacourt, San Pawl il-Baħar, sabiex iħallsu lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €317 (Lm136.09) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

Il-kawża (814/07ISB) hija differita għat-30 ta' Ġunju 2008 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 16 ta' Ġunju 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 6th May 2008, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Maltacom plc (C22334) and by a decree of the 7th April 2008 the name of the company was changed to Go plc of Spencer Hill, Marsa filed a Claim on the 31st October 2007 whereby they asked the Tribunal to condemn Karl and Marquita spouses Cilia (ID 117077M and 422677M) of Fredmar Court, Flat 10, Triq Alofju Wignacourt, San Pawl il-Baħar, to pay the plaintiff company the sum of €317 (Lm136.09) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests.

The case (Claim Number 814/07ISB) is put off on the 30th June 2008 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 16th June 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

L-ammonti bil-lira Maltija huma bbażati fuq ir-rata ta' €1=Lm0.429300 u huma għal użu ta' informazzjoni biss
Values displayed in Maltese lira are based on the rate of €1=Lm0.429300 and are for information purposes only

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*